**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**(SEDE INFERJURI)**

**ONOR. IMĦALLEF EDWINA GRIMA**

**Seduta tad-29 ta' Novembru 2018**

**Appell Kriminali numru. 77/2016**

**Il-Pulizija**

**(Spet. Daryl Borg)**

**Vs**

**Paschalino Cefai**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellant Paschalino Cefai (52480M) quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali akkuzat talli nhar it-2 t' Ottubru, 2014 ghall-habta tal-hdax u nofs ta' filghodu u fil-hinijiet ta' qabel, gewwa l-Qorti ta' Malta, f' Awla numru 7 il-Belt Valletta:

1. **Ingurja, jew hedded, lil Magistrat Dr. Miriam Hayman LL.D., waqt li kienet qieghda taghmel jew minhabba li kienet qieghda taghmel id-dmirijiet taghha, jew bil-hsieb li jbezzaghha jew li jinfluwixxi fuqha kontra l-ligi fid-dmirijiet tal-kariga taghha u dan bi ksur tal-Artikolu 93 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;**
2. **Ingurja, jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' persuni inkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu qed jaghmlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzahom jew li jinfluwixxu fuqhom kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz u dan bi ksur tal-Artikolu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;**
3. **U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi; attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx bhala vjolenza pubblika, kontra persuni nkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kienu qed jagixxu ghall-ezekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni moghti skont il-liġi mill-awtorità kompetenti u dan bi ksur tal-Artikolu 96 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;**
4. **Aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' PC 1415 Ryan Borg Ungaro f'periklu car, kkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' PC 1415 Ryan Borg Ungaro, hekk kif iccertifika Dr. Giovanni Grech detentur ta' numru tar-registru mediku 5537 gewwa d-Dipartiment tal-Kura Primarja, Floriana, u dan bi ksur tal-artiklu 221 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

5. **U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ma obdiex lordnijiet legittimi tal-awtorità jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku u dan bi ksur tal-Artikolu 338 (ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;**
6. **Kif ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament hassar, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, cioe' hgiega ghad-dannu tad-Direttur tal-Qorti u/jew entitatijiet ohra u terzi ohra, liema hsara ma tiskorrix l-mitejn u hamsin euro (€250) u dan bi ksur tal-artikolu 325(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;**
7. **U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi hebb kontra l-Magistrat Dr. Miriam Hayman LL.D., l-ufficjali tal-Pulizija, Spettur Johann Joseph Fenech, Spettur Kevin Pulis, Spettur Dennis Theuma, is-Surgent 6 Duncan Saviour Demicoli u l-Kuntistabbli 1415 Ryan Borg Ungaro sabiex jingurjhom, idejjaqhom jew jaghmillhom hsara u dan bi ksur tal-Artikolu 339 (1) (d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;**
8. **U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku u dan bi ksur tal-Artikolu 338 (m) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;**
9. **U kif ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi qal kliem li jikkonsisti f'dagha u dan bi ksur tal-Artikoli 338 (bb) u 342 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;**
10. **U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi irrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li gie misjub hati b'sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-5 ta' Frar 2016, li biha, sabet lill-appellant ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u wara li rat l-Artikoli tal-ligi indikati mill-Avukat Generali fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tat-18 ta' Mejju 2015 u senjatament l-Artikoli 17, 31, 49, 50, 93(3), 95, 96(a), 221, 338(ee), 339(1)(d), 338(dd), 338(bb) u 342 tal-Kodici Kriminali l-Qorti sabet lill-imputat hati tal-ewwel (1), tat-tieni (2), tat-tielet (3), tar-raba' (4), tal-hames (5), tas-seba' (7), tat-tminn (8), tad-disa' (9) u tal-ghaxar (10) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u kkundannatu sentejn (2) u erba' (4) xhur prigunerija apparti l-imputazzjoni numru sitta (6) u dan peress li l-prosekuzzjoni rritirat din l-akkuża waqt l-udjenża datata l-14 ta' April 2015.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali l-Qorti kkundannat lill-appellant sabiex sa zmien xahar minn meta jigi hekk mitlub bil-miktub ihallas lir-Registratur tal-Qorti s-somma ta' €443.62 liema ammont jirraprezenta l-ispejjez konnessi ma' esperti f' dan il-kaz.

Rat ir-rikors tal-appellant Paschalino Cefai minnu ppreżentat fis-17 ta' Frar 2016 li bih talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonferma l-ħtija tal-appellant tal-akkużi kif migjuba, tvarja l-piena erogata u minflokk tinfliġġi piena aktar miti u idonea.

Fliet l-atti kollha proċesswali.

Semgħet ix-xhieda ta' Dr. Roberta Holland matul is-seduta datata 22 ta' Marzu 2017 li ppreżentat Dok RH[1], l-uffiċjal tal-Probation Joseph Mizzi matul is-seduta datata 4 ta' Ottubru 2017 li ppreżenta

[1] Folio 247 et seq.

Dok JM rappreżentanti l-Pre Sentencing Report relattiv għal dan il-każ[2] u s-Sur David Mallors dan tal-aħħar bil-lingwa Ingliza, matul is-seduta tal-14 ta' Diċembru 2017 li ppreżenta Dok DM[3], ilkoll kemm huma fl-istadju tar-reviżjoni.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat

Illi l-gravam sottopost ghal gudizzju ta' din il-Qorti huwa marbut unikament mal-piena erogata mill-Ewwel Qorti ta' sentejn u erba' xhur prigunerija. L-appellant jishaq illi l-piena imposta hija eżaġerata fid-dawl tac-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz fejn il-komportament tieghu li wassal ghar-reati lilu addebitati u li dwarhom hu gie misjub hati kienu ipprovokati minn dak li sehh fl-awla tal-qorti meta kien hemm insistenza mill-gudikant li kienet qed tippresjedi illi jitkompla s-smigh tal-provi tal-prosekuzzjoni u dan mingħajr l-presenza tal-avukat difensur tieghu. Dan sehh bi ksur tad-drittijiet fondamentali tieghu.

Ikkunsidrat:

Illi jirriżulta mill-atti proċesswali illi l-inċidenti mertu ta' dan il-każ seħħew nhar it-2 ta' Ottubru 2014 fil-bini tal-Qorti, fl-Awla numru 7 matul is-seduta komunement magħrufa bħala "tad-drogi", liema seduta kienet ippresjeduta minn dak iż-żmien il-Maġistrat, illum Imħallef Miriam Hayman. Mill-provi li jemergu mill-atti jirriżulta li l-avukat difensur ta'l-appellant kien l-Avukat Edward Gatt li madankollu, fil-mument meta ssejħet il-kawża ma kienx preżenti fl-awla peress li kien maqbud ġewwa awla oħra fuq xogħol ieħor. Il-Qorti giet mgharrfa b'dan, tant illi skont ix-xiehda tal-avukat Gatt jirrizulta illi kien talab lil Maġistrat sabiex meta ssejjaħ il-kawża taċċerta ruħha li hu (Dr. Gatt) ikun preżenti priċipalment minħabba l-karattru 'partikolari' tal-appellant[4]. Jirriżulta wkoll minn dak li xehdu kemm l-ispettur Johann Fenech kif ukoll l-ispettur, illum Assistent Kummissarju Dennis Theuma, li l-avukat Gatt kien fil-fatt issejjaħ diversi drabi iżda ma tfaċċax. Il-Maġistrat iddeċidiet li tipproċedi bi smiegħ tal-provi, liema fatt urta bil-kbir lill-appellant tant li beda jgħolli leħnu u jippretendi li l-avukat tiegħu ikun preżenti. Minn hawn 'il quddiem jidher illi l-imgieba tal-appellant bdiet tiggenera tant illi beda isir aggressiv, ighajjar u jhedded lill-gudikant, kif ukoll lill-pulizija. Minhabba f'din l-imgieba belligeranti l-appellant kellu jigi imrazzan mill-pulizija li ghalkemm imwissi ghal diversi drabi baqa' ma ikkalmax tant illi kellu jigi skortat 'il barra mill-awla fejn baqa' igib ruhu hazin kemm barra l-awla kif ukoll sakemm twassal fil-*lock-up* tal-pulizija.

---

[2] Folio 271 et seq.
[3] Folio 302 et seq.
[4] Folio 196 tal-atti proċesswali.

Ikkunsidrat:

Illi din il-Qorti qrat b'attenzjoni ir-rapport magħmul minn Dr. Roberta Holland kif ukoll il-Pre Sentencing Report kif ordnat minn din il-Qorti stess redatt mill-uffiċjal tal-probation Joseph Mizzi u semghet lill-istess professjonisti jixhdu *viva voce* dwar il-karattru u l-imgieba tal-appellant. Dak li johrog car mir-risultanzi ta' dawn l-esperti huwa li l-appellant għandu problema serja ta' *anger management,* liema rabbja skond Dr. Holland hija marbuta mas-sens ta' biza' u insigurta' li minnhom huwa afflitt l-istess appellant. Jikkompensa għal dawn is-sentimenti billi jesterna rabbja u ostilita' fil-konfront ta' oħrajn[5]. Illi bl-ghajnuna ta' terapija kontinwa l-appellant jirnexxielu jikkontrolla din ir-rabbja sabiex b'hekk huwa impellenti, fil-fehma tal-espert, illi jkompli jircevi it-trattament ghal kundizzjoni tieghu. L-espert tghid hekk:

> **'wara inċidenti bħal dawn, huwa (l-appellant) jiddispjaċieħ u jifhem li m'għamilx sew, iżda jiġġustifika l-imġieba tiegħu bħala reazzjoni għal-provokazzjoni u ma jinsiex malajr'[6].**

Izzid tghid:

> **'meta wieħed jikkunsidra ir-rekord tas-sur Cefai, wieħed josserva elementi li jistgħu jgħollu r-riskju tal-possibilita' li jiltaqa' ma xi diffikulta' fl-imġieba tiegħu. Minn naħa l-oħra, il-fatt li jidher li hu motivat li jkompli jimxi l-quddiem, ix-xewqa li għandu li jkompli bit-terapija, l-attitudni tiegħu s'issa, u l-fatt li f'dawn l-aħħar xhur fil-komunita' mill-ewwel ra x'għamel biex jistabilixxi struttura stabbli u produttiva f'ħajjtu, jgħinu sabiex inaqqsu r-riskju għall-livell medju li jwettaq reat ieħor. Dan meta wieħed jikkunsidra wkoll li dan il-progress kien issa osservat għal perijodu sostanzjali li kien kemm fl-ambitu ta' ambjent kontrollat, kif ukoll fil-komunita'. Dan ir-riskju jista' jkompli jitnaqqas jekk huwa jibqa' miexi kif inhu, bl-istess motivazzjoni u impenn, u bl-għajnuna neċessarja'[7].**

Illi fil-fatt fil-mori ta' dan l-appell jidher illi l-appellant indirizza bis-serjeta din il-problema li huwa afflitt minnha tant illi illum sahansitra ghandu impjieg stabbli u anke irnexxielu jibni certu struttura f'hajjtu mill-gdid wara perijodu ta' turbolenza fejn anke ghamel xi zmien inkarcerat.

Illi fil-fehma tal-uffiċjal ta' Probation Joseph Mizzi li rrediġa l-Pre Sentencing Report, l-appellant ma ghandux jigi inkarcerat mill-gdid izda għandu jingħata Ordni ta' Probation fil-massimu taghha u dan

---

[55] *'Il-profil ġenerali juri li s-Sur Cefai jesperjenza kunflitti konsiderevoli kemm internament kif ukoll bejn dak li juri minn barra u dak li jħoss minn ġewwa. Jidher li minn barra jesprimi ostilita' iżda fil-fatt minn ġewwa huwa jibża jafda lill-ħaddieħor għax jibża li ħaddieħor jieħu vantaġġ minnu. Jibża juri l-emozzjonijiet tiegħu jew li jidher li hu dgħajjef. Din il-biża tikkreja anzjeta'. Jiddefendi ruħu mill-kritika jew akkużi dwar xi difett jew nuqqas b'attitudni ta' ostilita'. Huwa jħoss il-bżonn li jżomm kontroll riġidu fuqu nnifsu sabiex ma jkunx akkużat li żbalja. Sabiex jevita' li ssirlu ħsara jew malizja, jipproġetta immaġini ta' persuna b'saħħitha u kultant anke juri rabja, impulsivita' u aggressivita. L-esperjenzi ta' sitwazzjonijiet passati fejn hu deherlu li spiċċa minn taħt jew li ħaddieħor ħa vantaġġ minnu, fejn ma ntweriex rispett jew esperjenza li b'xi mod lilu żvantaġġjatu, huma dominanti'* – folio 255 tal-atti proċesswali.

[6] Folio 256 tal-atti proċesswali.

[7] Folio 258 tal-atti proċesswali.

kif mahsub fl-artikolu 18 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta b'Ordni ta' trattament ta' *anger management* u dan qabel ma jiġi inserit lura fil-komunita' biex jaħdem. In oltre dan ix-xhud irrakkomanda illi l-appellant għandu jkompli jiġi segwit minn espert psikjatriku tul dan il-perijodu kollu.

Illi il-Qorti kellha ukoll ix-xorti tisma' ix-xhieda ta' David Mallors li xehed in rappreżentana tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin u dan sabiex jigi stabbilit kif kienet l-imgieba ta'l-appellant tul il-permanenza tieghu gewwa l-habs. Jidher illi f'dan iz-zmien ta' inkarcerazzjoni l-appellant ġie sottopost għal diversi testijiet tal-urina li kollha kemm huma kellhom riżultat fin-negattiv. Madankollu mill-file tal-appellant marbut mal-permanenza tieghu gewwa l-Habs, jirriżulta illi l-appellant kellu dsatax il-inċident bejn il-perijodu tal-20 ta' Awwissu 2011 u il-15 ta' Ottubru 2016 fejn kellhom jittieħdu passi dixxiplinari kontriħ. Min dawn, ħamsa minnhom seħħew kollha wara d-data tas-sentenza appellata u li lkoll kienu għadhom ma nqatawx fil-mument meta dan il-file ġie eżebit il-Qorti. In oltre skond l-istess file, jidher li l-appellant kien qed jaħdem ġewwa l-forn tal-ħabs imma twaqqaf nhar id-19 ta' Ottubru 2016 minħabba proċeduri dixxiplinari li ttieħdu kontra tiegħu[8].

Ikkunsidrat:

Illi minn harsa lejn l-fedina penali tal-appellant esebieta a folio 231 tal-atti proċesswali, jidher li l-appellant ilu jxellef difrejgħ mal-ġustizzja sa mis-sena 1995 u ċioe meta kellu biss sittax il-sena. Jidher li l-biċċa l-kbira tal-fedina penali tiegħu tikkonsisti f'reati li jikkombaċaw mal-karattru u mat-tendenzi tal-appellant kif deskritti fir-rapporti inseriti fl-atti u dan peress illi hu nstab ħati ripetutament ta' ksur ta' paċi u bon ordni bi ġlied, għajjat jew dagħa u dan apparti reati aktar serji fejn kien hemm inġurji u theddid fil-konfront ta' terzi kif ukoll sejbien ta' htija ghal offiza ta' feriti gravi, u dan apparti reati marbuta ma' sfida lejn l-awtorita' pubbblika in ġenerali fosthom il-pulizija. L-aħħar reat indikat fil-fedina penali eżebita in atti jmur lura għal inċident li seħħ fil-Qorti f'Għawdex fejn waqt seduta tal-qorti, l-appellant ħebb għal terza persuna u kkaġunalha feriti gravi, u dan apparti reati oħra kommessi fl-istess data.

Ikkunsidrat:

Illi illum il-Qorti ghandha quddiemha il-mottiv wara l-imgieba anti-socjali u aggressiva tal-appellant. L-appellant ghandu problemi ta' natura mentali u emozzjonali li iwasslu sabiex l-imgieba tieghu tkun wahda erratika, aggressiva u kwindi ta' periklu ghal terzi. L-appellant minhabba f'din il-kundizzjoni ma jafx ibaxxi rasu ghall-awtorita' u jipprezenta ruhu dejjem lest biex jisfida. Din il-Qorti tinnota

[8] Folio 304 - Dok DM.

wkoll b'sodisfazzjoni li l-appellant jidher li qed jagħmel sforzi kbar minn naha tieghu sabiex jindirizza dina l-problema. Din il-bidla, il-Qorti setghet tosservaha *ictu oculi* mill-imgieba tal-appellant fl-awla fejn dejjem wera rispett lejha u gab ruhu b'mod eccellenti. Jidher li dan kien possibbli minhabba l-fatt illi huwa baqa' jircevi il-kura u ukoll billi irnexxielu jibni struttura f'hajjtu. L-appellant inoltre qieghed juri x-xewqa illi jkompli jircevi din il-kura u jibqa' itejjeb lilu nnifsu bil-ghan illi ma jkunx hemm repetizzjoni ta' incidenti ohra.

Din il-Qorti madankollu ma' tistax tnaqqas mis-serjeta ta' dan il-kaz, fejn l-appellant ghogbu ghat-tieni darba jesterna l-karattru aggressiv tieghu f'awla tal-Qorti, din id-darba sahansitra indirizzat lejn il-gudikant u l-membri tal-korp tal-pulizija li xogholhom hu li jaraw li tirrenja s-saltna tad-dritt u mhux il-ligi tal-gungla. Mhux biss izda l-appellant gie misjub hati ukoll li huwa recidiv biex b'hekk din il-Qorti hija prekluza milli taghti piena karcerarja sospiza fit-termini ta'l-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali.

Huwa wkoll fatt ikkontestat li skond ġurisprudenza nostrana r-reati ravviżati taħt l-artikolu 95 u 96 tal-Kodiċi Kriminali jimmeritaw li jkunu puniti b'pieni ta' karċerazzjoni effettivi[9]. Maghdud ma' dawn iz-zewg reati l-appellant gie misjub hati ukoll tar-reat ravvizat fl-artikolu 93(3) tal-Kodici Kriminali. Illi l-legislatur haseb sabiex izid il-pieni marbuta ma' dawn it-tip ta' reati u dan permezz ta'l-Att V tal-2014 li dahal fis-sehh fis-17 ta' Marzu 2014. Issa ghalkemm ir-reati addebitati lill-appellant gew kommessi f'Ottubru tal-2014 madanakollu l-Ewwel Qorti ghazlet li tapplika piena miti tenut kont illi l-piena kontemplata ghar-reat ravvizat fl-artikolu 93(3) tal-Kodici Kriminali hija dik ta' bejn tmintax-il xahar u tlett snin prigunerija kif ukoll l-imposizzjoni ta' multa bejn l-€1500 u l-€4000, liema multa madanakollu ma gietx imposta mill-Ewwel Qorti.

Illi ghakemm l-Ufficjal tal-Probation ghamel rakkomandazzjoni illi l-appellant jinghata piena alternattiva ghal dik tal-inkarcerazzjoni, din il-Qorti, madanakollu ma tistax ma tosservax illi l-appellant ghadu jitqies ta' riskju ghas-socjeta u dan jekk ma jibqax isegwi l-kura li ghandu bzonn. Ighid hekk l-Ufficjal tal-Probation fir-rakkomandazzjoni tieghu:

> **"Fid-dawl tal-informazzjoni migbura wiehed ghandu jzomm f'mohhu l-fatt li r-reat li kkometta Paschalino Cefai huwa serju u huwa recidiv, kif jindikaw il-vittmi intervistati. Dan il-kaz odjern huwa l-ahhar minn sensiela ta' kazijiet b'rabta ma' glied. F'dan l-istadju,**

[9] Ara fost oħrajn il-każ fl-ismijiet Il-Pulizija Vs Felice Ivan (John) deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) mill-Imħallef Vincent De Gaetano nhar l-04/06/2002: '*Ir-reat kontemplat fl-Artikolu 96 tal-Kodici Kriminali (Attakk jew Resistenza lil Ufficjal Pubbliku) huwa wiehed serju hafna. Minn ikun inkarigat minn servizz pubbliku u jkun qieghed jezegwixxi l-ligi jew ordni moghti skond il-ligi minn awtorita` kompetenti - bhalma normalment jaghmlu l-pulizja fil-kors normali tad-doveri taghhom - ghandu jinghata l-protezzjoni kollha tal-ligi, u tali protezzjoni tigi billi, wara li dak li jkun jinstab hati ta' dan ir-reat, tinghata l-piena stabbilita` mill-ligi li hija l-piena ta' prigunerija*'.

**wara li Cefai skonta sentenzi ta' prigunerija, ma jirrizultax li rega' wettaq reati godda. L-appellant ghandu ceru diffikultajiet fil-karattru u mis-servizz ta' ghajnuna psikologika li beda jibbenifika minnu mill-habs beda juri progress f'dan ir-rigward. Qed ikun umilment issuggerit li ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni l-aspett tax-xoghol u l-familja tal-appellant, il-kaz pendenti li baqaghlu u l-htiega ta' riskatt lejn futur responsabbli u matur.**

**Huwa jehtieglu joqghod attent ghar-reazzjonijiet tieghu fil-konfront ta' haddiehor specjalment persuni f'awtorita bl-gharfien tal-possibilita li jista' jerga' jsehh reat simili u jerga' jispicca l-habs. Sakemm ma jehux l-ghajnuna b'mod serju b'mod li jibdel l-attitudni aggressiva ghal wahda kalma, huwa jkun ghadu jitqies ta' riskju."**

Għaldaqstant din il-Qorti hija tal-opinjoni li filwaqt li għandha tirrakomanda lill-awtoritajiet relattivi sabiex l-appellant jingħata l-opportunita meħtieġa sabiex ikompli jsegwi t-terapija mal-psikjatra tiegħu u kwalunkwe terapija oħra li tista tinħtieġlu sabiex ikompli jimxi l-quddiem, għandha xorta waħda tibqa' imposta piena ta' karċerazzjoni effettiva. Fuq kollox:

**"Ta' spiss gie osservat minn din il-Qorti, kemm fil-gurisdizzjoni taghha superjuri kif ukoll dik inferjuri, li fuq appell mill-piena hija bhala regola ma tirrimpjazzax il-piena moghtija mill-ewwel Qorti b'dik li kieku hija – cioe` din il-Qorti – kienet taghti fic-cirkostanzi rizultanti kemm-il darba ma jkunx jirrizulta li l-piena moghtija mill-ewwel Qorti kienet b'xi mod "wrong in principle" jew "manifestly excessive"**

**"Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena**."[10]**.**

Illi l-artikolu 142(1) tal- Criminal Justice Act 2003 fl-Ingilterra jistabilixxi hames principji li ghandhom jigu segwiti fl-imposizzjoni tal-piena bhala:

*(a) the punishment of offenders*

*(b) the reduction of crime (including its reduction by deterrence)*

*(c) the reform and rehabilitation of offenders*

*(d) the protection of the public*

*(e) the making of reparation by offenders to persons affected by their offence*

[10] Ir-Repubblika ta' Malta vs Rene' sive Nazzareno Micallef 28/11/2006 App.Sup

Illi allura min hu imsejjah biex jiggudika ma ghandux ihares biss l-interessi tal-persuna ikkundannata izda ghandu jara illi ihares l-interessi tal-vittma jew vittmi tar-reat u is-socjeta in generali billi jaghti dik il-piena li ghandha isservi bhala kastig ghal min jikkometti r-reat, li tara li twassal ghat-tnaqqis tal-kummissjoni ta' reati ohra, li tista' twassal ghar-rijabilitazzjoni u r-riforma tal-hati, li taghti il-harsien mehtiega lil pubbliku u li l-hati jaghmel reparazzjoni ghal hazin li jkun ghamel.

F'dan il-kaz, kif inghad, il-piena kienet wahda li taqa' fil-parametri u ma kenitx lanqas eccessiva.

Għal dawn il-motivi din il-Qorti, taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell ta' Paschalino Cefai u konsegwentement tikkonferma s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar il-5 ta' Frar 2016 fl-intier tagħha.

**Taghmel rakkomoandazzjoni lid-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin illi l-appellant jibqa' jinghata il-kura u it-trattament li ghandu bzonn sabiex tigi indirizzata il-problema tieghu u dan tul il-permanenza tieghu gewwa il-habs.**

**(ft) Imhallef**

**Vera Kopja**

**Joyce Agius**

**Deputat Registratur**